**IL-KONVENZJONI EWROPEA**
IS-SEGRETARJAT

**Brussel, id-29 ta' Lulju 2003**

**CONV 854/03**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Mis-: | Segretarju Ġenerali |
| Lill-: | Konvenzjoni |
| **Is-Suġġett :** | **Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali** |

Issa li l-Konvenzjoni wettqet il-kompiti tagħha, is-Segretarjat iġib fi tmiemhom l-attivitajiet tiegħu.

Dan ikun il-messaġġ finali tagħna. Madankollu il-*website*, (kif ukoll is-sit *Futurum*) jibqa' aċċessibbli għal konsultazzjoni kull meta tixtiequ u, kif jiġu kompletati t-traduzzjonijiet, ikun hemm fuqu t-test finali ta' l-abbozz tat-Trattat (CONV 850/03) fil-lingwa ta' kull pajjiż rappreżentat fil-Konvenzjoni. (Għal dettalji dwar it-testi ppubblikati, jekk jogħġobkom araw in-nota ta' informazzjoni tagħna, CONV 852/03). Huma wkoll disponibbli it-test tar-rapport miktub tal-Presidenza (CONV 851/03) u r-rapport orali tal-President kif ippreżentat lill-President tal-Kunsill Ewropew fit-18 ta' Lulju.

Ma jibqagħli xejn ħlief nirringrazzjakhom, għan-nom tas-Segretarjat, għall-komprensjoni u l-kooperazzjoni li wrejtu tul il-Konvenzjoni. Il-fatt li ħdimna magħkom b'mod produttiv fuq materji daqshekk essenzjali f'dan iż-żmien hekk sinifikanti kien privileġġ li ma ninsewx.

Jiena napprezza partikolarment ir-rispett li wrejtu, għall-enerġija u t-talent, ta' dawk fil-grupp li kelli l-pjaċir kbir immexxi.

John Kerr